MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2019/2001/1

**Mary Doris *sive* Doris CAMILLERI**

**vs**

**ST. PAUL'S COURT LIMITED, Festa Limited, Mizzi Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Lulju, 2001, li bih l-attriċi ippremettiet:

1. Illi b'Ittra Ġudizzjarja datata erbatax (14) ta' Marzu, tas-sena elfejn u wieħed (2001), l-attriċi ġiet notifikata mill-konvenuti l-assunzjoni tagħhom illi huma qiesu bħala legalment u fattwalment infondati l-pretensjonijiet ta' l-attriċi konċiżament imsemmija fl-Ittra Ġudizzjarja tagħha tal-għoxrin (20) ta' Frar, tas-sena elfejn u wieħed (2001): Ara l-anness **Dokument CAG1**;

2. Illi l-attriċi kienet bagħtet Ittra Ġudizzjarja datata t-Tlieta, 20 ta' Frar, 2001, lil tlett konvenuti hawn indikati fiċ-Ċitazzjoni odjerna fejn talbithom biex jersqu għall-likwidazzjoni ta' danni ġia sofferti mill-attriċi, li għadha qed issofri u li konsegwenzjalment għad tista' tibqa' ssofri, u dana wara illi hija sfat imkeċċija mingħajr ġustifikazzjoni la raġonevoli u għal ebda raġuni legalment u fattwalment fondata da parti tal-konvenuti u dana wara iktar minn għoxrin (20) sena servizz li l-istess attriċi kienet irrendiet lis-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew minn min minnhom;

3. Ill l-attriċi kienet intavolat <u>*Każ Numru 1251*</u> quddiem it-TRIBUNAL INDUSTRIJALI, fil-kwistjoni tax-Xogħol fl-ismijiet: **"Maria Dolores Camilleri u Festa Limited dwar tkeċċija mill-impjieg allegat li hi inġusta"**, liema Tribunal wara sentenza preliminari datata erbatax (14) ta' Jannar, tas-sena elfejn (2000), kien iddiferixxa l-kawza *'sine die'*: Ara **Dokument CAG2**;

4. Illi nhar l-erbatax (14) t'Awissu, tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), l-attriċi kienet irċeviet komunikat dokument fejn għarfuha li hija kienet se tingħata impjieg bħala Naddafa Femminili b'perjodu probatorju ta' tlett (3) xhur li kellu jibda' minn nhar l-Erbgħa, disgħa (9) t'Awissu, 1978: Ara l-anness **Dokument CAG3**, datat 14 t'Awissu, 1978. Illi l-attriċi qatt ma kienet iffirmat dan id-Dokument;

5. Illi l-attriċi qegħda tissottometti li mas-Soċjeta' Kummerċjali konvenuta FESTA LIMITED, hija irrendiet servizz għal perjodu ta' aktar minn għoxrin sena, dejjem bħala NADDAFA FEMMINILI (female cleaner), u fis-segwenti postijiet kollha proprjeta' tal-Group ta' Soċjetajiet Kummerċjali li jaggrupaw il-MIZZI GROUP, kif inhuma popolarment magħrufa;

6. Illi l-attriċi irrendiet servizz bħala Naddafa Femminili fis-segweti postijiet kif fuq deskritti, u ċioe' Manoel Court gewwa Pariso Street, GZIRA; f'Numru 78 dar li kienet faċċata tal-baħar gewwa San Ġiljan; Spinola Court, gewwa San Ġiljan; Saint Christopher's Court

gewwa l-limiti ta' San Gwann; Saint Paul's Court gewwa Buġibba; il-Festival, gewwa l-Għadira; Sorrento quddiem ix-Xemxija (faċċata l-baħar); Festa Office li jinsab fil-Main Road, gewwa l-Floriana; l-uffiċju ta' Mizzi House gewwa Blata l-Bajda; gewwa uffiċju tal-karozzi "Interent" ġio l-Msida; ġio villel u flattijiet gewwa l- Birguma (limiti tan-Naxxar): b'kollox dawn il-ħdax-il post u kien hemm oħrajn li l-attriċi irrendiet servizz fihom, pero' kollha postijiet li jappartjenu lil MIZZI GROUP;

7. Illi l-attriċi, għaldaqstant, kienet impjegata ma' l-Mizzi Group kif hawn fuq imfisser, pero' li għal kull buon fin kienet sa fejn taf hi abbinata mas-Soċjeta' Kummerċjali partikolari FESTA LIMITED dana dejjem sa fejn taf l-attriċi, billi kif kienu jikkordinaw l-ammistrazzjoni u l-affarijiet interni d-dirigenti tal-Mizzi Group, l-attriċi naturalment ma kellha ebda setgħa li tivverifika;

8. Illi wara għoxrin sena servizz, l-attriċi ġiet mogħtija tagħrif illi hija ma kinietx sejra tibqa' tkun meħtiega biex tforni iktar servizz lis-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew minn min minnhom, u dan it-tagħrif ġie mgħoddi lill-attriċi mill-General Manager Saviour Portelli permezz tas-Supervisor ta' l-attriċi, u ċioe' ċertu Paul Aquilina;

9. Illi saru pressjonijiet kbar fuq l-attriċi biex hija tiffirma dokumenti li kienu jiġġustifikaw it-tkeċċija inġusta tagħha minn mas-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew minn min minnhom, iżda l-attriċi irrifjutat u ma iffirmatx ebda dokumenti, li b'riżultat ta' dan bagħtit konsegwenzi finanzjarji serji, kif hija tkun disposta li telabora fil-mori ta' din il-kawża permezz tax-xhieda u dokumenti li hija tgħaddi lil din l-Onorabbli Qorti;

**10.** Illi nhar it-tnejn (2) ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), l-attriċi kienet ħejjiet Stqarrija dettaljata li kkonfermatha bil-Ġurament fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, liema Stqarrija fiha tlettax-il (13) faċċata u hemm żewġ (2) faċċati oħra indikati bħala xhieda *'a tempo vergine'* u żewġ (2) faċċati oħra li jindikaw tnax-il (12) dokument esebit mill-attriċi fil-każ li hija

intavolat quddiem it-Tribunal Industrijali, Każ Numru 1251, u li kopja fotostatika ta’ dan id-dokument ta’ sbatax-il (17) faċċata qegħda tiġi mehmuża ma’ l-Elenku ta’ Dokumenti u indikata bħala Dokument **CAG4;**

11. Illi bħala eċċezzjoni in linea preliminari sollevati mill-Mizzi Group, ġie imsemmi l-fatt illi l-attriċi ma kinietx fil-verita impjegata ma’ FESTA LIMITED imma mas-Soċjeta’ Kummerċjali SAINT PAUL’S COURT LIMITED, li ovvjament kienet manuvra da parti tal-Mizzi Group biex jippruvaw jistultifikaw u jġibu fix-xejn il-pretensjonijiet ta’ l-attriċi fil-każ li hija intavolat skond il-Liġi quddiem it-Tribunal Industrijali tattika li effettivament il-frott tagħha peress illi l-każ quddiem it-Tribunal Industrijali baqa’ ma ġiex deċiż, imma kien ġie iddifferit *‘sine die’*;

12. Illi effettivament it-Tribunal Industrijali fil-Kawża Numru 1251, fil-kwistjoni tax-Xogħol bejn: **“Maria Dolores Camilleri u Festa Limited dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta”** (Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici, LL.D.), fis-seduta tal-Ġimgħa, 14 ta’ Jannar, 2000, u ċioe’ madwar sbatax-il xahar u nofs ilu, inqrat id-deċiżjoni preliminari **Numru 1090**, u l-każ kien ġie differit biex l-attriċi odjerna tirregola ruħha: Ara hawn anness dokument indikat bħala **Dokument CAG5**;

13. Illi b’referenza għal ħames, sitt u seba’ premessa fil-korp ta’ din iċ-Ċitazzjoni odjerna, u fid-dawl tal-ħdax-il premessa fl-istess korp ta’ Ċitazzjoni, jirriżulta manifestament illi l-attriċi, minkejja d-dokument esebit **CAG3**, effettivament kienet impjegata mal-konvenuti kollha, ma' kull waħda minnhom skond iċ-ċirkustanzi u l-esigenzi tal-ħtiġijiet tagġhom u li għalhekk id-**Dokument CAG3** u d-**Dokument CAG6** fihom infushom ma jfissru xejn għajr eżerċizzju ta’ kontroll intern għal skopijiet korporali tal-konvenuti, imma li bl-edba mod ma kien jaffettwa l-istatus ta’ l-attriċi stante li l-fond tal-paga tagħha kienu ġejjin mill-istess għejjun;

14. Illi għad insaputa ta’ l-attriċi, fil-mod tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, il-konvenuti kienu esebew dokument li kien iġib id-data tal-ħamsa ( 5) ta’ Frar, tas-

sena elf disa' mija disgħa u sebgħin (1979), u ċioe' data kważi sitt (6) xhur wara dik ta' l-erbatax (14) t'Awissu, tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), skond kif jirriżulta ampjament mid-Dokument **CAG3**, liema dokument aħħari ma jħalli ebda dubju illi l-manuvrar korporali tal-konvenuti huwa manifestament ċar;

15. Illi oriġinarjament l-attriċi kellha tkun impjegata għall-perjodu probatorju ta' tlett (3) xhur min-nhar l-Erbgħa, disgħa (9) t'Awissu, tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (l1978), sat-tmienja (8) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), u li allura jfisser illi għal perjodu ta' tlett xhur l-attriċi la kienet irreġistrata ma' Festa Limited, u lanqas ma' Saint Paul's Court Limited, imma xorta waħda l-attriċi baqgħet tipprovdi servizz fi ħdan il-Mizzi Group, xorta baqgħet titħallas, u għaldaqstant il-ftehim tal-ħamsa (5) ta' Frar, tas-sena elf disa' mija disgħa u sebgħin (1979) kien biss eżerċizju kożmetiku, fejn l-attriċi ixxedditilha libsa minflok oħra, imma bl-istess tikketta u għaldaqstant ma setgħa qatt kien li l-attriċi ma kinietx impjegata mal-konvenuti kollha simultanjament, imma fid-dehera f'okkazjoni kien hemm tikketta u ftit xhur wara kien hemm tikketta oħra: Ara l-anness dokument, **Dokument CAG6**, kif ukoll l-anness **Dokument CAG4**;

16. Illi għandha ssir referenza għall-Elenku tad-Dokumenti indikati fl-anness **Dokument CAG4**, li huma esebiti fil-proċess tal-Każ Numru 1251 quddiem it-Tribunal Industrijali, li jitfgħu dawl importanti ħafna fuq dan il-każ u minn fejn jirriżulta manifestament li sal-mument ta' l-intavolar tal-każ numru 1251, l-istess attriċi lanqas biss kienet taf li hi suppost kienet iffirmat id-**Dokument CAG6**, għadilli fiċ-ċirkostanzi dana qatt ma kellu jkollu l-effett illi jissospendi *'sine die'* il-progress fil-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali kif effettivament sar, u kwindi l-bazi ta' l-ewwel talbiet f'din iċ-Ċitazzjoni odjerna;

17. Illi ssir referenza għad-**Dokument CAG7** li huwa d-deċiżjoni preliminari *Numru 1090 fil-każ numru* 1251 skond kif fuq identifikat;

18. Illi d-deċiżjoni preliminari numru 1090, li kopja tagħha qegħda mehmuża ma' l-Elenku tad-Dokumenti f'din iċ-Ċitazzjoni odjerna, bħala **Dokument CAG7**, hemm apprezzament ħażin tal-fatti li waslu għal dak il-każ quddiem it-Tribunal Industrijali, kif hemm ukoll miżinterpretazzjoni żbaljata tar-rabta legali bejn l-attriċi u l-konvenuti jew minn min minnhom; kif hemm ukoll fiċ-ċirkostanzi applikazzjoni ħażina tal-Liġi meta t-Tribunal kif ippresedut laqa' eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta FESTA LIMITED fuq il-bażi li l-attriċi ma kinitx impjegata ma' FESTA LIMITED imma ma' SAINT PAUL'S COURT LIMITED, meta fil-verita' ma kien hemm ebda differenza legali bejn il-ftehim tal-5 ta' Frar, 1979, (li l-attriċi qatt ma kienet ingħatat kopja tiegħu u saret taf bih biss fit-tieni udjenza quddiem it-Tribunal Industrijali) u l-ftehim ma' Festa Limited li kopja tiegħu hija mehmuża ma' l-Elenku tad-Dokumenti bħala **Dokument CAG3**, meta l-attriċi bdiet effettivament taħdem ma' Festa Limited, b'effett mid-9 t'Awissu, 1978, u baqgħet f'din il-ħidma għal ftit iktar minn għoxrin sena, meta l-impjieg ta' l-attriċi ġie mitmun ħesrem, b'mod diskriminatorju u b'abbuż ta' poter mill-*'klieb il-baħar' għall-ħut iz-zgħajr'*!;

19. Illi kienet skuża konvenjenti, ippremeditata u ippjanata tajjeb, da parti tal-konvenuti biex f'kazijiet bħal dawn ikunu jistgħu joqgħodu jilgħabu bi ftehim ma' ftehim ieħor, kif ġara fil-każ ta' l-attriċi, u kwindi uħud mit-talbiet ta' l-istess attriċi f'din iċ-Ċitazzjoni odjerna;

20. Illi sa mil-20 ta' Diċembru, 1997, l-attriċi ġiet ipparalizzata billi l-konvenuti irrifjutaw li jiffirmawlha l- karti ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg tagħha ta' aktar minn għoxrin sena, u dana peress li hija irrifjutat li tiffirma dokument li hija kienet ġiet *'redundant'* meta dan ma kienx il-każ, kif l-attriċi tipprova faċilment fil-mori ta' din il-kawża;

21. Illi b'riżultat ta' dan u fil-mument li qegħda tinkiteb din iċ-Ċitazzjoni, l-attriċi diga'; ilha kważi erba' snin nieqes ħames xhur dizimpjegata mhux għaliex ma tridx taħdem, imma għax trid taħdem skond il-Liġijiet tal-pajjiz u alla ħares ma kinitx persuna bil-għaqal u biezla, għaliex kieku sa issa din il-mara mietet bil-guh: dawna

huma l-'atti filantropiċi' li għandhom jinġiebu a konoxxenza tal-pubbliku, fejn fil-verita' l-konvenuti eċċepew in linea preliminari li l-attriċi kienet impjegata ma' soċjeta' u mhux ma' oħra, meta fil-verita' dina kienet manuvra strateġika biex l-attriċi tiġi imċaħda mid-drittijiet tagħha;

22. Illi l-attriċi kienet għaldaqstant kostretta li twassal il- każ quddiem it-Tribunal Industrijali li sfortunatament minħabba malaprezzament ta' fatti ikkaġuna *Miscarriage of Justice* għar-raġunijiet li diga' issemmew, jirriżultaw mit-talbiet, ikkonfermati fid-Dikjarazzjoni Ġuramentata imsaħħa bid-dokumenti esebiti, u li dwarhom ikun hemm elaborazzjoni aktar fil-mori ta' din il-kawża;

23. Illi b'riżultat tal-waqfien *'sine die'* tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, l-attriċi kienet kostretta li tintavola din il-kawża odjerna wara li l- konvenuti baqgħu inadempjenti fid-dawl ta' Ittra Ġudizzjarja mibgħuta lilhom, u debitament notifikata lilhom;

24. Illi dankollu u iktar li jiġi elaborat fil-mori ta' din il-kawża jgħidu s-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew liema waħda minnhm, għala din il-Wisq Onorabbli Qorti m'għandhiex tifli, tevalwa, tiddeċiedi u tordna illi:

**<u>Talbiet:</u>**

(i) l-attriċi CAMILLERI MARY DORIS kienet effettivament impjeġata mas-soċjetajiet kummerċjali konvenuti kollha, irrespettivament mit-tabella jekk l-attriċi kinitx ma' Festa Limited jew ma' Saint Paul's Court Limited meta dawn kollha huma inkorporati ukoll mal-Mizzi Holdings Limited;

(ii) l-ebda eċċezzjoni in linea preliminari għaldaqstant, ma setgħet qatt kienet valida dwar jekk l-attriċi kinitx effettivament impjeġata ma' xi waħda mis-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew l-oħra, billi l-konvenuti kollha huma parti mill-istess korp legali;

(iii) kull tentattiv li setgħa kien hemm mis-soċjetajiet kummerċjali konvenuti biex jittrasferixxu l-impjegati tagħhom minn soċjeta' għall-oħra, bħal fil-każ ta' l-attriċi, in effetto ma kellu ebda effettivita' legali għall-istatus ta' l-attriċi, imma kien biss eżerċizzju ta' regolamentazzjoni interna bejn l-istess soċjetajiet kummerċjali konvenuti;

(iv) l-eċċezzjoni in linea preliminari solevata mis-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew liema waħda minnhom dwar il-fatt li l-attriċi ma kinitx impjegata ma' Festa Limited, imma ma' Saint Paul's Court Limited, kienet eċċezzjoni li fl-ebda stadju qatt ma kellha bażi legali imma li kienet manuvra *in mala fede* da parti tal-konvenuti jew minn min minnhom biex jostakolaw u jimpedixxu l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fir-rigward ta' l-attriċi;

(v) b'referenza għat-talba preċedenti ta' l-attriċi, effettivament u fil-prattika ma hemm ebda differenza bejn id-dokument tal-14 t'Awissu, 1978, meta l-attriċi ġiet imdaħħla bħala *"Cleaner"* mas-soċjeta' kummerċjali FESTA LIMITED, u d-dokument datat 5 ta' Frar, 1979 bejn Saint Paul's Court Limited u l-istess attriċi, peress illi ż-żewġ dokumenti japprtjenu għall-istess organizazzjoni, bl-istess strutturi u faċilitajiet komuni, u l-uniku differenza hija konvenjenza amminstrattiva interna a skopijiet ta' l-objettiv tal-Mizzi Group, u m'għandu x'jaqsam xejn jekk l-attriċi tabilħaqq kinitx impjegata ma' isem jew ma' isem ieħor fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ partikolari;

(vi) id-deċiżjoni preliminari NUMRU 1090 mogħtija nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar, 2000, fil-Każ Numru 1251 quddiem it-Tribunal Industrijali, **fil- kwistjoni tax-Xogħol bejn Maria Dolores u Festa Limited dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta**, kienet deċiżjoni mibnija fuq interpretazzjoni ħażina ta' ċirkustanzi legali, u li allura hija waħda nulla, invalida u ineffettiva fil-Liġi;

(vii) fid-dawl ta' l-eżitu tat-talba attriċi immedjatament preċedenti għal din, din l-Onorabbli Qorti

jekk ikun il-każ għandha tordna lit-Tribunal Industrijali biex terga’ tirriappunta l-Każ Numru 1251 sakemm dan jiġi deċiż skond il-ħaq u l- ġustizzja;

(viii) is-soċjetajiet kummerċjali konvenuti jew liema waħda minnhom għandhom fiċ-ċirkustanzi jagħmlu tajjeb u jikkompensaw lill-attriċi għal kwalsiasi forma ta’ danni sofferti ġia’ minnha, li għadha qed issofri, u li għad tista’ issofri kaġun ta’ l-attriċi imwettaq kontra l-interessi ta’ l-attriċi mill-konvenuti jew minn min minnhom;

(ix) id-danni li qed jiġu mitluba fid-dawl tat-talba immedjatament preċedenti għal din għandhom ikopru l-perjodu sa minn minndu l-attriċi effettivament twaqqfet mill-impjieg tagħha sal-jum meta l-istess attriċi tkun legalment ħielsa biex terga’ tibda taħdem bi qligħ, ħaga li legalment ma tistax tagħmel minħabba r-regolamenti ta’ l-impjieg li jirregolaw il-ħaddiema u l-impjegati fil-Gżejjer Maltin, u dana minħabba t-trattament abbużiv li bih l-attriċi ġiet ittrattata mill-konvenuti jew minn min minnhom;

(x) salv id-Dikjarazzjoni li l-konvenuti in solidum bejniethom jew minn min minnhom kienu responsabbli għat-tkeċċija inġusta u diskriminatorja ta’ l-attriċi mill-impjieg tagħha, id-danni li jiġu illikwidati a bażi tat-talbiet preċedenti, għandhom jiġu inkwadrati f’terminu qasir u perentorju li fih l-attriċi għandha titħallas dak kollu li jiġi deċiż li jkun dovut lilha, inkluz l-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv;

(xi) għaż-żmien kollu li l-attriċi kienet kostretta li ma taħdimx minħabba l-atteġġament abbużiv u negattiv tal-konvenuti jew minn min minnnhom, u dana sa mill-20 ta’ Diċembru, 1997, sal jum li fih effettivament l-attriċi terga’ tkun impjegata bi qligħ ma’ xi azjenda oħra, għandu jiġi stabbilit minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha, għal liema perjodu l-attriċi għandha tingħata kumpens finanzjarju xieraq u adekwat, apparti mid-danni fuq indikati;

(xii) il-konvenuti għandhom iħallsu għall-ispejjeż kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji, diretti jew indiretti ta’

l-attriċi fir-rigward ta’ dawn il-proċeduri, minħabba li l-attriċi kienet kostretta li tagħmel dawn il-proċeduri minħabba n-nuqqas ta’ kooperazzjoni u l-arroganza tal-konvenuti fir-rigward ta’ din il-*ħuta zgħajra* l-attriċi;

(xiii) għandhom jingħataw u jkunu enforzabbli kwalsiasi provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u ġust illi tagħti u tordna fid-dawl tat-talbiet attiċi kif hawn fuq suesposti;

25. Bl-ispejjeż kollha, ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, kontra l-konvenuti jew minn min minnhom li minn issa lkoll kemm huma jiġu nġunti IN SUBIZZJONI;

26. B’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-attriċi u riżultanti minn dawn il-proċeduri odjerni jew proċeduri oħra konnessi magħhom;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-disa’ (9) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-22 t’Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka St. Paul’s Court Limited eċċepiet:

1. L-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li l-ġurisdizzjoni dwar il-mertu ta’ din il-kawża hija esklussivament tat-Tribunal Industrijali skond il-kap 266 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni hija rrita u nulla a tenur tal-artikoli 34(1) u 35(1) tal-Kap. 266 tal-Liġijiet ta’ Malta billi ma jeżistix id-dritt ta’ appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u billi kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għandhom jiġu ventilati quddiem l-istess Tribunal u mhux quddiem il-Qrati Ordinarji;

3. Il-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tas-soċjeta’ konvenuta stante li mhix il-leġittimu kontradittur u

ma kinitx parti fil-każ numru 1251 quddiem it-Tribunal Industrijali u li fuqu huwa bbażat il-mertu kollu ta' din il-kawża;

4. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li tikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li ċ-ċitazzjoni għandha tkun magħmula fil-qosor;

5. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li m'għandhiex tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba;

6. Illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li mhux minnu li l-attriċi kienet Impjegata mas-soċjetajlet kummerċjali konvenuti kollha;

7. Illi isegwi mill-eċċezzjoni numru sitta mogħtija fuq illi hjia nfondata fil-fatt u fid-dritt it-tieni talba u d-dikjarazzjonijiet magħmula fiha;

8. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt it-tielet talba peress illi jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-atti quddiem it-Tribunal Industrijali, li wħud minnhom ġew preżentati mill-attriċi stess, ma liema soċjeta' kienet impjegata l-attriċi meta ġie terminat l-impieg tagħha;

9. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ir-raba' talba peress illi ż-żewġ soċjetajiet imsemmja huma żewġ persuni legalment separati u distinti minn xulxin. L-attriċi kien messha qagħdet attenta u vverifikat il-fatti sewwa qabel ma preżentat it-talba tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali u ma tistax issa tagħmel allegazzjonijiet serji ta' "mala fede" biex tipprova tikkoreġi n-nuqqas tagħha. Is-soċjeta' mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar din l-allegazzjoni li l-attriċi anke kkonfermat bil-gurament fid-Dikjarazzjoni tagħha annessa maċ-ċitazzjoni;

10. Illi t-talba numru ħamsa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ż-żewġ dokumenti msemmija huma żewġ kuntratti separati b'validita' legali ndipendenti wieħed mill-ieħor;

11. Illi bla preġudizzju għall-irritwalita' ta' din il-proċedura, kif imsemmi fl-eċċezzjonijiet preċedenti, t-talba numru sitta hija wkoll nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi d-deċiżjoni msemmija hija ġusta;

12. Illi t-talba numru sebgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għal diversi ragunijiet imsemmija fl-eċċezzjonijiet preċedenti li fosthom jissemmew, m'hux b'mod esklussiv, l-eċċezzjonijiet numri wieħed u tnejn;

13. Illi t-talba numru tmienja hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

14. Illi t-talba numru disgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba. Is-soċjeta' mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar l-allegazzjoni ta' trattament abbużiv imsemmi f'din it-talba;

15. Illi t-talba numru għaxra hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

16. Illi t-talba numru ħdax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi (a) din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba u (b) it-talba kif proposta - "kumpens finanzjarju xieraq u adekwat" – ġia' tinsab inkorporata fit-talba preċedenti – u (c) jekk qegħdin jintalbu danni morali dawn m'humiex ammissibbli skond il-liġi;

17. Illi t-talba numru tnax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi stante li l-attriċi m'għandha ebda raguni tagħmel din il-kawża hija għandha tħallas l-ispejjeż kollha;

18. Illi t-talba numru tlettax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi, bla preġudizzju għall-fatt li l-azzjoni attriċi ma treġix għal diversi ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq, ma hemm l-ebda provvediment li din l- Onorabbli Qorti tista' tagħti skond il-liġi fil-konfront tal-lanjanzi miġjuba mill-attriċi;

19. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota mressqa fit-22 t'Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka Festa Limited eċċepiet:

1. L-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-ġurisdizzjoni dwar il-mertu ta' din il-kawża hija esklussivament tat-Tribunal Industrijali skond il-kap 266 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni hija rrita u nulla a tenur tal-artikoli 34(1) u 35(1) tal-Kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma jeżistix id-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u billi kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għandhom jiġu ventilati quddiem l-istess Tribunal u mhux quddiem il-Qrati Ordinarji;

3. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li tikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li ċ-ċtazzjoni għandha tkun magħmula fil-qosor;

4. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li m'għandhiex tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba;

5. Ir-"res judicata" u dan stante li l-meritu ta' din il-kawża ġia' ġie sollevat, trattat eżawrjentement u deċiż quddiem it-Tribunal Industrijali li ta d-deċiżjoni preliminari tiegħu fl-14 ta' Jannar 2000 (deċiżjoni preliminari numru

1090) u liema każ (każ numru 1251) eventwalment mar deżert fit-3 ta’ Settembru 2000;

6. Illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li mhux minnu li l-attriċi kienet impjegata mas-soċjetajiet kummerċjali konvenuti kollha;

7. Illi isegwi mill-eċċezzjoni numru sitta mogħtija fuq illi hjia nfondata fil-fatt u fid-dritt it-tieni talba u d-dikjarazzjonijiet magħmula fiha;

8. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt it-tielet talba peress illi jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-atti quddiem it-Tribunal Industrijali, li wħud minnhom ġew preżentati mill-attriċi stess, ma liema soċjeta’ kienet impjegata l-attriċi meta ġie terminat l-impieg tagħha;

9. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ir-raba’ talba peress illi ż-żewġ soċjetajiet imsemmja huma żewġ persuni legalment separati u distinti minn xulxin. L-attriċi kien messha qagħdet attenta u vverifikat il-fatti sewwa qabel ma preżentat it-talba tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali u ma tistax issa tagħmel allegazzjonijiet serji ta’ “mala fede” biex tipprova tikkoreġi n-nuqqas tagħha. Is-soċjeta’ mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar din l-allegazzjoni li l-attriċi anke kkonfermat bil-gurament fid-Dikjarazzjoni tagħha annessa maċ-ċitazzjoni;

10. Illi t-talba numru ħamsa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ż-żewġ dokumenti msemmija huma żewġ kuntratti separati b’validita’ legali ndipendenti wieħed mill-ieħor;

11. Illi bla preġudizzju għall-irritwalita’ ta’ din il-proċedura, kif imsemmi fl-eċċezzjonijiet preċedenti, t-talba numru sitta hija wkoll nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi d-deċiżjoni msemmija hija ġusta;

12. Illi t-talba numru sebgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għal diversi ragunijiet imsemmija fl-eċċezzjonijiet preċedenti li fosthom jissemmew, m’hux b’mod esklussiv, l-eċċezzjonijiet numri wieħed u tnejn;

13. Illi t-talba numru tmienja hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

14. Illi t-talba numru disgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba. Is-soċjeta' mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar l-allegazzjoni ta' trattament abbużiv imsemmi f'din it-talba;

15. Illi t-talba numru għaxra hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

16. Illi t-talba numru ħdax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi (a) din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba u (b) it-talba kif proposta - "kumpens finanzjarju xieraq u adekwat" – ġia' tinsab inkorporata fit-talba preċedenti – u (c) jekk qegħdin jintalbu danni morali dawn m'humiex ammissibbli skond il-liġi;

17. Illi t-talba numru tnax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi stante li l-attriċi m'għandha ebda raguni tagħmel din il-kawża hija għandha tħallas l-ispejjeż kollha;

18. Illi t-talba numru tlettax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi, bla preġudizzju għall-fatt li l-azzjoni attriċi ma treġix għal diversi ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq, ma hemm l-ebda provvediment li din l- Onorabbli Qorti tista' tagħti skond il-liġi fil-konfront tal-lanjanzi miġjuba mill-attriċi;

19. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka msemmija;

Rat in-Nota mressqa fit-22 t'Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka Mizzi Holdings Limited eċċepiet:

1. L-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-ġurisdizzjoni dwar il-mertu ta' din il-kawża hija esklussivament tat-Tribunal Industrijali skond il-kap 266 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni hija rrita u nulla a tenur tal-artikoli 34(1) u 35(1) tal-Kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma jeżistix id-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u billi kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għandhom jiġu ventilati quddiem l-istess Tribunal u mhux quddiem il-Qrati Ordinarji;

3. Il-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tas-soċjeta' konvenuta stante li mhix il- leġittimu kontadittur u ma kinitx parti fil-każ numru 1251 quddiem it-Tribunal Industrijali u li fuqu huwa bbażat il- mertu kollu ta' din il-kawża;

4. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li tikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi ċ-ċitazzjoni għandha tkun magħmula fil-qosor;

5. In-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li m'għandhiex tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba;

6. Illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li mhux minnu li l-attriċi kienet impjegata mas-soċjetajiet kummerċjali konvenuti kollha;

7. Illi isegwi mill-eċċezzjoni numru sitta mogħtija fuq illi hjia nfondata fil-fatt u fid-dritt it-tieni talba u d-dikjarazzjonijiet magħmula fiha;

8. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt it-tielet talba peress illi jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-atti

quddiem it-Tribunal Industrijali, li wħud minnhom ġew preżentati mill-attriċi stess, ma liema soċjeta' kienet impjegata l-attriċi meta ġie terminat l-impieg tagħha;

9. Illi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ir-raba' talba peress illi ż-żewġ soċjetajiet imsemmja huma żewġ persuni legalment separati u distinti minn xulxin. L-attriċi kien messha qagħdet attenta u vverifikat il-fatti sewwa qabel ma preżentat it-talba tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali u ma tistax issa tagħmel allegazzjonijiet serji ta' "mala fede" biex tipprova tikkoreġi n-nuqqas tagħha. Is-soċjeta' mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar din l-allegazzjoni li l-attriċi anke kkonfermat bil-gurament fid-Dikjarazzjoni tagħha annessa maċ-ċitazzjoni;

10. Illi t-talba numru ħamsa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ż-żewġ dokumenti msemmija huma żewġ kuntratti separati b'validita' legali ndipendenti wieħed mill-ieħor;

11. Illi bla preġudizzju għall-irritwalita' ta' din il-proċedura, kif imsemmi fl-eċċezzjonijiet preċedenti, t-talba numru sitta hija wkoll nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi d-deċiżjoni msemmija hija ġusta;

12. Illi t-talba numru sebgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għal diversi ragunijiet imsemmija fl-eċċezzjonijiet preċedenti li fosthom jissemmew, m'hux b'mod esklussiv, l-eċċezzjonijiet numri wieħed u tnejn;

13. Illi t-talba numru tmienja hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

14. Illi t-talba numru disgħa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba. Is-soċjeta' mittenti qegħda tirriserva li tieħu l-azzjonijiet opportuni dwar l-allegazzjoni ta' trattament abbużiv imsemmi f'din it-talba;

15. Illi t-talba numru għaxra hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba;

16. Illi t-talba numru ħdax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt prinċipalment u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, peress illi (a) din m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi din it-talba u (b) it-talba kif proposta - "kumpens finanzjarju xieraq u adekwat" – ġia' tinsab inkorporata fit-talba preċedenti – u (c) jekk qegħdin jintalbu danni morali dawn m'humiex ammissibbli skond il-liġi;

17. Illi t-talba numru tnax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi stante li l-attriċi m'għandha ebda raguni tagħmel din il-kawża hija għandha tħallas l-ispejjeż kollha;

18. Illi t-talba numru tlettax hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi, bla preġudizzju għall-fatt li l-azzjoni attriċi ma treġix għal diversi ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq, ma hemm l-ebda provvediment li din l- Onorabbli Qorti tista' tagħti skond il-liġi fil-konfront tal-lanjanzi miġjuba mill-attriċi;

19. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2001, li bih tat lill-kumpanniji mħarrkin il-fakulta' li, fiż-żmien imsemmi, jressqu Nota bis-Sottomissjonijiet tagħhom dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħhom li din il-Qorti ma setgħetx tisma' l-kawża mibdija kontrihom mill-attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpanniji mħarrkin fl-4 ta' Jannar, 2002[1], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-attriċi fil-11 ta' Frar, 2002[2], bis-sottomissjonijiet tagħha dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni miżjuda tal-avukati tal-partijiet dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-17 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tal-10 t'April, 2003, u tas-26 ta' Ġunju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża minħabba n-natura tat-talba;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba li twaqqa' deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal Industrijali, u għall-ħlas ta' kumpens lill-attriċi minħabba t-temm tal-impieg tagħha. L-attriċi tgħid li, mill-provi li kellu quddiemu t-Tribunal, ma messha ntlaqgħet qatt eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-kumpannija mħarrka Festa Limited, u għalhekk il-proċediment quddiem dak it-Tribunal messu tkompla bis-smigħ tat-talba tagħha fil-mertu tal-ilment tagħha ta' tkeċċija mill-impieg għal raġuni li ma tiswiex. L-attriċi qegħda titlob ukoll li din il-Qorti tordna lit-Tribunal jissokta jisma' l-każ tagħha. Minbarra dan, minħabba li twaqqfet għal żmien bla mpieg, l-attriċi qegħda titlob ukoll li l-kumpanniji mħarrkin iħallsuha kumpens xieraq fi flus, minbarra li jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrbet minħabba l-għamil tagħhom jew ta' min minnhom;

[1] Paġġ. 72-3 tal-proċess
[2] Paġġ. 75 sa 87 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpanniji mħarrkin laqgħu b'Nota tal-Eċċezzjonijiet għal kull waħda minnhom, iżda li jixxiebhu ħafna. Huma ressqu eċċezzjonijiet dwar in-nuqqas ta' setgħa ta' din il-Qorti li tisma' l-azzjoni mressqa quddiemha, dwar is-siwi tal-azzjoni, u oħrajn dwar il-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mogħtijin minn kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-imsemmija eċċezzjonijijiet ġurisdizzjonali, jidher xieraq li jissemmew xi <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>. L-attriċi kienet impjegata mal-kumpannija mħarrka Festa Limited għal żmien mhux stabilit, bil-kundizzjonijiet imsemmija f'ittra mibgħuta lilha bid-data tal-14 t'Awissu, 1978[3], b'effett mid-9 t'Awissu, 1978. Fil-5 ta' Frar, 1979[4], jidher li sar ftehim ta' mpieg ieħor għall-attrċi għal żmien mhux stabilit mal-kumpannija mħarrka St. Paul's Court Limited. L-impieg tagħha ntemm fil-31 ta' Diċembru, 1997[5]. F'Mejju tal-1998, hija bdiet proċeduri fit-Tribunal Industrijali kontra l-kumpannija Festa Limited, minħabba allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta mill-impieg tagħha. It-Tribunal Industrijali ta deċiżjoni preliminari fl-14 ta' Jannar, 2000[6], biex iqis eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-imsemmija kumpannija dwar jekk l-attriċi messhiex fetħet il-proċediment kontiha minflok kontra l-kumpannija St. Paul's Court Limited. It-Tribunal Industrijali laqa' l-eċċezzjoni u filwaqt li ħeles lill-kumpannija Festa Limited milli toqgħod iżjed fil-proċedura, iddikjara li l-attriċi kien messha tmexxi kontra l-kumpannija St.Paul's Court Limited. Fis-7 t'April, 2000[7], it-Tribunal Industrijali ħalla s-smigħ *sine die* sakemm l-attriċi (appellanti quddiem it-Tribunal) tirregola ruħha fid-dawl tad-deċiżjoni preliminari li kienet ingħatat tlitt xhur qabel. Fi Frar tal-2001[8], l-attriċi ħarġet ittra uffiċjali kontra l-kumpanniji imħarrkin biex titlobhom iħallsuha d-danni għal kemm kienet ilha li

[3] Dok "CAG3", f'paġġ. 23-5 tal-proċess
[4] Dok "CAG6", f'paġġ. 44-5 tal-proċess
[5] Dok "CAG9", f'paġ. 53 tal-proċess
[6] Dok "CAG7", f'paġġ. 46-9 tal-proċess
[7] Dok "CAG2", paġ. 22 tal-proċess
[8] Dok "CAG8", f'paġġ.50-1 tal-proċess

tneħħiet mill-impieg, u fit-2 ta' Lulju, 2001, fetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti tħoss il-ħtieġa wkoll li tagħmel xi osservazzjonijiet dwar l-atti mressqin mill-partijiet. Dwar l-att taċ-ċitazzjoni, irid jingħad li din tipprospetta għadd ta' talbiet li jinbnew fuq xulxin jew li jinstiltu minn xulxin. Min-naħa l-oħra, dwar in-Noti ta' Eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin, jingħad li filwaqt li n-Noti mressqin mill-Kumpanniji St.Paul's Court Limited u Mizzi Holdings Limited huma l-istess, dik imressqa minn Festa Limited ma hix wisq differenti minnhom: kienet biss din l-aħħar kumpannija li kienet ġiet imfittxija mill-attriċi quddiem it-Tribunal Industrijali, u għalhekk iż-żewġ kumpanniji l-oħrajn ressqu <u>wkoll</u> eċċezzjoni fis-sens li huma m'humiex il-kontradditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-attriċi f'din il-kawża. Għall-finijiet ta' din is-sentenza, madankollu, it-tliet Noti tal-Eċċezzjonijiet huma l-istess;

Illi l-Qorti tibda biex tqis l-<u>ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża mressqa mill-attriċi.</u> Id-determinazzjoni ta' din l-eċċezzjoni timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex huwa evidenti li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa', ma jkunx hemm il-ħtieġa li titqies l-eċċezzjoni preliminari l-oħra. Il-kumpanniji mħarrkin jibnu l-eċċezzjoni tagħhom li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża sewwasew minħabba n-natura tal-mertu ewlieni tal-istess azzjoni attriċi. Fi kliem ieħor, l-eċċezzjoni hija waħda ta' nuqqas ta' setgħa tal-Qorti *ratione materiae*;

Illi l-kumpanniji mħarrkin jgħidu li huwa t-Tribunal Industrijali li jmissu jisma' l-kwestjoni fil-mertu tal-pretensjonijiet attriċi. Jisħqu li dak it-Tribunal huwa bil-liġi mogħti setgħa waħdanija jew esklussiva li tisma' każijiet fejn tiġi allegata tkeċċija inġusta mill-impieg. Huma jgħidu wkoll li lanqas jista' jingħad li din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' Tribunal Amministrattiv u għalhekk lanqas taħt dan l-aspett m'għandha din il-Qorti s-setgħa li tqis it-talbiet tal-attriċi;

Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi twarrab l-argumenti tal-kumpanniji mħarrkin dwar din l-eċċezzjoni billi tinsisti li kellha tabilfors tressaq il-kawża tagħha quddiem din il-Qorti minħabba li, sa d-data meta ngħatat id-deċiżjoni preliminari mit-Tribunal, kien skadielha ż-żmien biex tibda proċedura oħra kontra l-kumpannija li t-Tribunal iddeċieda li l-attriċi kienet impjegata magħha meta ntemmilha l-impieg. Minbarra dan, l-attriċi tressaq l-argument li l-qofol tal-azzjoni tagħha huwa li jsir stħarriġ ġudizzjarju dwar kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni milħuqa minnu fid-deċiżjoni preliminari tiegħu;

Illi l-Qorti fliet sewwa l-argumenti mressqa mill-partijiet dwar dawn iċ-ċirkostanzi u wkoll l-atti tal-kawża u ssib li s-sitwazzjoni li l-attriċi tinsab fiha jistħoqqilha kull mogħdrija, imma ma jistax jingħad li dan is-sentiment isolvi l-kwestjoni li l-eċċezzjoni tqanqal jew li fuq il-kejl waħdu tas-simpatija jista' jsir ħaqq bla ma jitqiesu sewwa l-implikazzjonijiet kollha;

Illi n-natura ta' azzjoni tinstilet mit-tfassila mogħtija lill-att ġudizzjarju li bih tinbeda. Dak li għalhekk isawwar l-azzjoni attriċi huwa dak li jirriżulta mill-Att taċ-Ċitazzjoni, bil-premessi u t-talbiet konsegwenzjali li hu magħmul minnhom. Ħarsa sewwa lejn il-premessi turi li dawn iduru fuq żewġ xejriet: l-ewwel waħda hija marbuta ma' x'wassal lit-Tribunal Industrijali biex jiddeċiedi kif iddeċieda[9], u t-tieni waħda immirata għall-għoti ta' rimedju billi turi l-ħsara li l-attriċi ġarrbet minħabba l-għamil li wassal għat-temm tal-impieg tagħha[10]. Min-naħa l-oħra t-talbiet ukoll jistgħu jinġabru taħt żewġt irjus ewlenin: hemm dawk li jirreferu għar-rabta kuntrattwali tal-attriċi ma' min kien jimpjegaha[11] u hemm dawk li jirreferu għall-ħlas ta' kumpens[12];

Illi dawn juru li l-azzjoni tal-attriċi hija waħda mista, f'parti tidher li hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju, u f'parti tidher li hija azzjoni għal għoti ta' rimedju mnissel mit-temm tal-impieg;

---

[9] Premessi 16, 18 u 22
[10] Premessi 9 u 15
[11] Talbiet (i) sa (vii)
[12] Talbiet (viii) sa (xi)

Illi l-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni tal-kompetenza fid-dawl ta’ dawn iż-żewġ bixriet tal-azzjoni attriċi;

Illi kwantu **l-azzjoni attriċi hija waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju** m’għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma’ kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta’ korp ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta’ xi liġi. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m’għandux jiddawwar f’eżerċizzju ta’ appell minn jew ta’ reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[13]. Dan jgħodd iżjed u iżjed fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jirreferi għat-Tribunal Industrijali;

Illi b’mod partikolari, l-ebda eżerċizzju ta’ stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ma jista’ jgħodd fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li iddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta’ apprezzament ta’ oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux fehem xi kunċett legali b’mod minflok mod ieħor[14]. Mela, li l-attriċi f’din il-kawża titlob li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal minħabba li dik id-deċiżjoni kienet waħda ħażina “mibnija fuq interpretazzjoni ħażina ta’ ċirkustanzi legali”[15] għaliex imtebbgħa minn “inġustizzja ta’ zvijjar”[16], ma huwiex wieħed mill-parametri li fih din il-Qorti tista’ tagħmel stħarriġ ġudizzjarju[17];

Illi kwantu **l-azzjoni attriċi hija immirata għall-għoti ta’ kumpens**, jibda biex jingħad li l-ebda azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta’ tribunal,

---

[13] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vgs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha
[14] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)
[15] Talba (vi)
[16] Par 16 tan-Nota ta’ Osservazzjonijiet, f’paġ. 83 tal-proċess
[17] Ara P.A. GV **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Burger Operations Ltd. vs Michael La Rosa*** għal konsiderazzjonijiet siewja dwar dan l-aspett ta’ stħarriġ

u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għamil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ.  Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

Illi dan ifisser, għalhekk, li minn dan l-aspett ukoll, mill-anqas nofs it-talbiet tal-attriċi f'din il-kawża ma jaqgħux fis-setgħat ta' din il-Qorti biex tqishom. Jekk huwa minnu li l-azzjoni tagħha kienet waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, dawk it-talbiet saru għalxejn quddiem din il-Qorti;

Illi, madankollu, jidher li t-talbiet dwar l-għoti ta' kumpens kienu maħsuba lil hinn minn sempliċi eżerċizzju ta' stħarriġ.  Dan joħroġ ċar kemm mill-ewwel talba u kif ukoll mill-għaxar waħda.  Bihom, l-attriċi qegħda tistieden lil din il-Qorti tqis ħwejjeġ li jolqtu fil-laħam il-ħaj kemm in-natura tar-rabta kuntrattwali li kellha fl-impieg tagħha, u kif ukoll ir-raġunijiet (jew aħjar, in-nuqqas ta' raġunijiet tajbin) li wassluha titlef l-impieg;

Illi l-ligi tagħraf bejn impieg għal żmien definit u impieg għal żmien indefinit, u, għall-finijiet ta' tifsir ta' "tkeċċija inġusta" (fl-Att XXII tal-2002 li daħal minflok l-XXX tal-1976), tqis biss dan tal-aħħar bħala dak l-impieg li r-rimedju tat-temm tiegħu jista' jintalab mit-Tribunal Industrijali;

Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452[18] jgħid b'mod ċar u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal ikollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan (għajr minn proċeduri dwar reat), u li r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jkun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lil dak it-Tribunal u mhux xort'oħra;

[18] Li jsegwi b'xi żidiet l-artikolu 28 tal-Kap 266 li jissemma fl-eċċezzjoni taħt eżami u fin-Noti mressqin mill-partijiet

Illi ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali[19];

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija minn impieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-liġi, "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġni dwar jekk it-tkeċċija kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta u sufficjenti fil-mertu;

Illi, f'dan ir-rigward, ġie stabilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali nnifsu li huwa għandu s-setgħa, taħt l-artikolu 75 (l-artikolu 28 tal-Kap 266), li jifli tkeċċija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm raġunijiet li jiġġustifikawha, din tkun saret b'mod mhux mistħoqq jew inġust[20]. Fi kliem ieħor, din il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi għal dak li huwa magħruf bħala *technically unfair dismissal*. Tali bixra ta' fehmiet baqgħet titqies ukoll matul iż-żminijiet[21]. B'dan għalhekk li, ladarba jiġi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-ġurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx iżjed setgħa jidħlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgħa ta' reviżjoni dwar l-operat tat-Tribunal[22], fit-termini u l-limiti imfissrin iżjed 'il fuq;

Illi, kemm hu hekk, dawn il-Qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg u dan ukoll f'kawżi fejn, biex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom dwar il-każ, kien meħtieġ li tiġi investigata wkoll il-kwestjoni tal-validita' tat-temm tal-impieg[23]. Waqfu saħansitra milli jqisu talbiet fejn ir-

[19] P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)

[20] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-**10.3.1981,** fil-każ fl-ismijiet ***Diacono vs M.C.M. Aluminium Limited***

[21] Ara, per eżempju, deċiżjoni tat-Tribunal tal-**24.11.1998**, fil-każ fl-ismijiet ***Debattista vs Koperattiva Indafa Pubblika***

[22] P.A.GCD **20.3..2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino***

[23] Kumm. **25.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Paċe vs Bondin noe et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.838**)

raġunijiet wara deċiżjoni ta' temm ta' impieg setgħet kienet kontra l-proċeduri interni stabiliti tal-post tax-xogħol[24];

Illi jekk kien għad fadal xi dubju dwar safejn il-Qrati ordinarji setgħu jgħarblu r-raġunijiet ta' tkeċċija mill-impieg biex jagħtu xi rimedju ančillari lil parti attriċi dwar l-istess impieg[25], jidher li dan issa tneħħa għal kollox bil-bidliet li seħħew fil-Liġi Industrijali, u b'mod partikolari fit-twessigħ tal-azzjonijiet li dwarhom it-Tribunal Industrijali għandu kompetenza esklussiva. Dan għaliex issa żdiedu wkoll dawk l-azzjonijiet kollha li jaqgħu taħt l-ewwel taqsima tal-liġi, jiġifieri dawk id-dispożizzjonijiet li, sa ftit taż-żmien ilu, kienu miġbura taħt l-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impieg (kif kien magħruf iċ-Ċ.E.R.A.)[26];

Illi l-attriċi ttenni[27] li l-azzjoni tagħha m'hijiex milquta mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 75 (qabel, l-artikolu 28 tal-Kap 266) għaliex hija "kawża minħabba proċeduri dwar reat". Jidher li l-attriċi ma fehmitx sewwa għal liema proċeduri qegħda tirreferi l-liġi, għaliex kieku ma kinitx tgħid dak li qalet quddiem din il-Qorti. Hija ħaġa ċerta li dawk il-proċeduri dwar reat ma jaqgħux fis-setgħat ta' din il-Qorti, imma ta' Qorti ta' kompetenza kriminali, u r-riferenza hija għal reati prosegwibbli minn qorti ta' kompetenza kriminali. Ir-reati li l-attriċi talludi għalihom fin-Nota tagħha u li bihom tgħabbi lill-kumpanniji mħarrkin ma jitqisux minn din il-Qorti;

Illi għandu jingħad ukoll li, skond l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, is-setghat li jħaddan it-Tribunal fil-ġurisdizzjoni speċjali tiegħu huma dawk li, bil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, huma mogħtija lil din il-Qorti[28]. Dan ifisser li r-rimedji li t-Tribunal jagħti f'każ ta' sejbien favorevoli għat-talba tal-applikant huma l-istess li tkun tista' tagħti din il-Qorti fuq talbiet li jixxiebhu u li ma jkunux fil- kompetenza ta' dak it-Tribunal[29]. L-istess

---

[24] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Carmelo Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta***

[25] App. Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Nappa vs Cutrans Limited*** (mhix pubblikata)

[26] Art. 75(1)(b) tal-Kap 452

[27] Nota ta' Osservazzjonijiet, paġġ. 79 u 80 tal-proċess

[28] Art. 77(1) tal-Kap 452

[29] Artt. 80(3)(4) u 81 tal-Kap 452

jingħad għall-mod kif deċiżjonijiet tat-Tribunal jiġu eżegwiti[30] jew imfissrin[31];

Illi għaldaqstant, din il-Qorti jkollha ssib li tonqos fiha s-setgħa li tisma' l-kawża mressqa mill-attriċi billi tali setgħa hija b'liġi speċjali mħollija fit-Tribunal Industrijali, u wkoll billi l-għamla ta' stħarriġ li hija trid li din il-Qorti tagħmel tal-operat tal-istess Tribunal m'huwiex l-istħarriġ li huwa maħsub fil-liġi;

Illi fid-dawl ta' din il-konklużjoni, l-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** ta' kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin u tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni *ratione materiae* biex tisma' il-kawża tagħha; u

**Tastjeni** milli tqis it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[30] Art. 82 tal-Kap 452
[31] Art. 83 tal-Kap 452